***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

***- PREGUDIZZJU IRIMEDJABBLI -***

***- DANNI -***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Hamis, 27 ta' Lulju 2017.

## Rikors Numru: 932/2017/1/LSO

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 932/2017/LSO fl-ismijiet:-**

**Apassionata Park Munchen GmbH & Co Kg, kif lokalment rapprezentata mill-Avukat Dr Adrian Camilleri (i.d. 350380M)**

**vs**

**(1) Davinci Publishing Limited (C 74053); u**

**(2) St. George Edition Limited (C 40902)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Apassionata Park Munchen GmbH & Co Kg, kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Avukat Dr Adrian Camilleri pprezentat fit-28 ta' Gunju 2017;

Jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament tal-Avukat Dr Adrian Camilleri (i.d. 350380M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` esponenti Apassionata Park Munchen GmbH & Co Kg;

Illi s-socjeta` esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi s-socjeta` esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izomm is-socjetajiet intimati hawn fuq imsemmija milli:

**1. Jinfurmaw u/jew ixerrdu notizzji lil terzi, bi kwalunkwe mod, li s-socjeta` esponenti m'ghandhiex drittijiet biex taghmel uzu *tat-trade marks* imfissra fil-ftehim bejn is-socjeta` esponenti u s-socjeta` ntimata St. George Edition Limited, cioe` t-Trade Mark Licence Agreement, datat l-1 ta' Frar 2016 (Dok. A); u**

**2. Jiehdu kwalunkwe azzjoni biex jinibixxu jew jimpedixxu, u/jew kwalunkwe azzjoni li jista' jkollha l-effett (kemm dirett kif ukoll indirett) biex jinibixxu jew jimpedixxu, s-socjeta` esponenti milli taghmel uzu ta' dawn l-istess *trade marks* imfissra fit-Trade Mark Licence Agreement hawn fuq imsemmi (Dok. A).**

**Peress illi hemm il-periklu car u imminenti illi s-socjetajiet ntimati jaghmlu wahda minn dawn l-azzjonijiet hawn fuq imfissra, bi konsegwenza ta' pregudizzju irrimedjabbli kkawzat lis-socjeta` esponenti, qieghed jintalab li dan ir-rikors jintlaqa' provvizorjament sakemm jinghata digriet finali.**

Illi, din it-talba qed issir ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi s-socjeta` esponenti dahlet f'*Trade Mark Licence Agreement* mas-socjeta` ntimata St. George Edition Limited (*vide* **Dok. A**), li permezz tieghu giet illicenzjata lis-socjeta` esponenti l-uzu *tat-trade marks* hemm imfissra;

2. Illi s-socjeta` esponenti gja ntavolat proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-socjetajiet intimati (Mandat ta' Inibizzjoni Numru 54/17 JRM u Mandat ta' Inibizzjoni Numru 327/2017 MCH), u dan sabiex jigu mharsa l-jeddijiet taghha fil-ftehim *(Trade Mark Licence Agreement* hawn fuq imsemmi);

3. Illi, b'mod pertinenti, din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, fir-rigward tal-imsemmi Trade Mark Licence Agreement waslet ghall-konkluzjoni fil-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 327/2017 MCH li *"gie esebit kuntratt prima facie legalment iffirmat minn St. George's (sic) mar-rikorrenti liema kuntratt gia gie rikonoxxut bhala prima facie demostrazzjoni ta' dritt minn din il-Qorti* (id-digriet in kwistjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, anness bhala **Dok. B**);

4. Illi, ghalkemm il-mandat mitlub fil-procedura tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 327/2017 MCH eventwalment gie michud minn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, dan kien primarjament abbazi tas-sejba maghmula minn din l-istess Qorti li ma kienx hemm prova li s-socjeta` ntimata *"St. George's qed tipprova tisvesti ruhha mill-obbligu impost bil-kuntratt ta' Frar 2016"* u ghalhekk ma kienx hemm, skont l-istess qorti, prova soddisfacenti tal-pregudizzju irrimedjabbli illi kienet ser issofri s-socjeta` esponenti u l-htiega tal-mandat;

5. Illi din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, adottat l-istess pozizzjoni fil-procedura tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 54/17 JRM, f' liema procedura s-socjeta` esponenti talbet il-hrug tal-mandat fil-konfront tas-socjeta` ntimata St. George Edition Limited biex izzommha milli tittermina l-imsemmi Trade Mark Licence Agreement li kien (u ghad) hemm vigenti bejniethom. Fid-digriet taghha, din l-Onorabbli Qorti cahdet il-mandat mitlub mis-socjeta` esponenti strettament abbazi tas-sejba li *"l-biza' wahdu li STG tista' tghaddi biex ittemm il-ftehim ghaliex setghet ghamlet l-istess lil haddiehor ma jikkwalifikax, fil-fehma tal-Qorti, bhala raguni li tahlaq* (sic.) *il-htiega ghall-hrug tal-Mandat jew tixhed il-hsara irriversibbli li APM tghid li tigri li kieku t-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat kellha ma tintlaqax"* (id-digriet relattiv ta' din l-Onorabbli Qorti anness bhala **Dok. C**). Pero`, naturalment, din il-konkluzjoni ma timminax l-ezistenza tal-ftehim validu bejn il-partijiet, dwar l-uzu *tat-trade marks* mis-socjeta` esponenti;

6. Illi, recentement, gie a konjizzjoni tas-socjeta` esponenti illi s-socjetajiet intimati qed javvicinaw lil terzi, b'mod partikolari dawk l-entitajiet u ndividwi nvoluti fl-operazzjonijiet tas-socjeta` esponenti (fosthom *promoters* tax-*shows* tas-socjeta` esponenti), u qed jinfurmawhom b'mod qarrieqi ghall-ahhar li s-socjeta` esponenti m'ghandhiex drittijiet dwar l-uzu *tat-trade marks* imfissra *fit-Trade Mark Licence Agreement* bejnha u s-socjeta` ntimata St. George Edition Limited u li, oltre minn hekk, qed ixerrdu l-istess tip ta' notizzji foloz permezz ta'

komunikazzjonijiet pubblici, reklami u artikli fil-gazzetti u rivisti;

7. Illi, b'zieda mas-suespost, huwa wkoll il-kaz li s-socjetajiet intimati qed jittentaw jimpedixxu jew jipprekludu s-socjeta` esponenti milli tezercita d-drittijiet taghha taht l-imsemmi *Trade Mark Licence Agreement* tal-1 ta' Frar 2016;

8. Illi, huwa palezi li dawn l-azzjonijiet hawn fuq deskritti da parti tas-socjeta` ntimati, qed jikkawzaw pregudizzju irreparabbli u b'mod immedjat lis-socjeta` esponenti u l-operazzjonijiet taghha;

9. Illi, barra minn hekk, is-socjeta` esponenti tixtieq tirrileva wkoll li dan kollu qed isir *nonostante* l-fatt li din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, gja ppronunzjat ruhha li, fuq il-grad *prima facie,* jidher li l-imsemmi *Trade Mark Licence Agreement* huwa wiehed validu u vigenti;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Lulju 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimata socjeta` Davinci Publisihing Limited datata 6 ta' Lulju 2017 a fol 53 tal-process.

Rat ir-risposta tal-intimata socjeta` St Geroge Edition Limited datata 6 ta’ Lulju 2017 a fol 55 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta’ Lulju 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Adrian Camilleri ghas-socjeta` rikorrenti u Dr Henry Mizzi ghas-socjeta` intimata. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi permezz tar-rikors odjern, is-socjeta` rikorrenti qed titlob il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni sabiex is-socjetajiet intimati jitwaqqfu milli jinfurmaw u/jew ixerrdu notizzji lil terzi, li jsostnu li s-socjeta` rikorrenti m’ghandhiex uzu *tat-trade marks* imfissra fil-ftehim bejn is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` ntimata St. George Edition Limited, cioe` t-Trade Mark Licence Agreement, datat l-1 ta' Frar 2016 (Dok. A)('il quddiem imsejjah "*il-ftehim")*. Skont dan il-ftehim is-socjeta' rikorrenti ingħatat il-liċenza minn St. George Edition Limited biex tinqeda b’marka dwar spettaklu taż-żwiemel fil-belt ta’ Munich, fil-Ġermanja, għaż-żmien u taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra u liema ftehim kellu jibqa’ fis-seħħ sal-31 ta’ Diċembru 2019, iżda li seta’ jiġġedded

fuq talba tal-liċenzjat (ir-rikorrenti). Illi qed jigi mitlub ukoll li s-socjetajiet intimati jigu inibiti jiehdu azzjoni li jista' jkollha l-effett (kemm dirett kif ukoll indirett) biex jinibixxu jew jimpedixxu, s-socjeta` esponenti milli taghmel uzu ta' dawn l-istess *trade marks* imfissra fit-Trade Mark Licence Agreement hawn fuq imsemmi (Dok. A).

Is-socjeta` intimata St. George's Edition Limited opponiet billi sostniet li dak mitlub fir-rikors hu inawdit peress li ma tistax titwaqqaf milli tesprimi l-pozizzjoni taghha dwar l-ezistenza *o meno* tal-kuntratt tal-1 ta' Frar 2016, u din il-Qorti ma tistax tohrog mandat bhal dan irrispettivament mill-mertu. *Di piu`,* gie eccepit mis-socjeta` intimata, li d-dritt pretiz mis-socjeta` rikorrenti ma jirrizultax minn kuntratt, ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha kull dritt titkellem dwar l-invalidita` tal-kuntratt datat l-1 ta' Frar 2016.

Min-naha l-ohra s-socjeta' Davinci Publishing Limited, apparti li ssostni dak kollu sottomess mis-socjeta` St. George Edition Limited fir-risposta, eccepiet li d-dritt pretiz mis-socjeta` rikorrenti ma jregix fil-konfront tas-socjeta` Davinci peress li ma jezisti l-ebda ftehim ta' licenzjar bejnha u s-socjeta` rikorrenti, ghalhekk mhemmx relazzjoni guridika bejn iz-zewg kumpaniji.

**<u>Rizultanzi fattwali:</u>**

Jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' St. George Edition Limited iffirmaw ftehim datat l-1 ta' Frar 2016 esebit

bhala **Dok A.** Sussegwentement, is-socjeta' intimata St. George Edition Limited bdiet tattakka l-validita` ta' dak il-ftehim peress li ma kienx iffirmat minn Bone Winkel li fil-fatt qed jigi sostnut li ffirma d-dokument bejn il-5 u s-16 ta' Jannar 2017.

Jirrizulta li l-mandat mitlub fil-procedura tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 327/2017 MC kien gie michud minn din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, *stante* li ma kienx hemm prova soddisfacenti tal-pregudizzju irrimedjabbli illi kienet ser issofri s-socjeta` esponenti u tal-htiega tal-mandat.

Jirrizulta li l-istess pozizzjoni giet adottata fil-procedura tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 54/17 JRM, f' liema procedura s-socjeta` esponenti talbet il-hrug tal-mandat fil-konfront tas-socjeta` intimata St. George Edition Limited biex izzommha milli tittermina l-imsemmi Trade Mark Licence Agreement li kien (u ghad) hemm vigenti bejniethom. Peress li s-socjeta' rikorrenti qed issostni li s-socjetajiet intimati qed javvicinaw lil terzi, qed jinfurmawhom li s-socjeta' rikorrenti m'ghandhiex drittijiet dwar l-uzu *tat-trade marks* imfissra fit-*Trade Mark Licence Agreement* esebit bhala Dok A, qed tipprocedi biex tikkawtela d-drittijiet taghha.

**Eccezzjoni ta' Davinci Publishing Limited dwar in-nuqqas ta' relazzjoni guridika.**

Illi s-socjeta` Davinci Publishing Limited qed teccepixxa in linea preliminari li ma hemmx relazzjoni guridika mar-rikorrenti *stante* li ma ffirmat l-ebda ftehim ta' licenzjar mas-socjeta` rikorrenti. illi huwa minnu li ma jezisti l-ebda ftehim iffirmat bejn is-socjeta` Davinci Publishing Limited u Apassionata Park Munchen. Izda, rrizulta waqt it-trattazzjoni, li s-socjeta` Davinci hija fil-fatt, titulari tal-marka in kwistjoni. *Di piu`*, kemm-il darba, s-socjeta` Davinci Publishing Limited qed tikteb lil terzi sabiex tinfurmahom dwar l-inezistenza tal-kuntratt iffirmat ma' St. George Edition Limited, qed tohloq sitwazzjoni li tista' tkun dannuza fil-konfront tar-rikorrenti u kwindi tista' tkun il-legittimu kontradittur f'kawza ghad-danni.

Ghaldaqstant, tichad din l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata Davinci Publishing Limited.

**Dritt:**

Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitata ghall-apprezzament tal-elementi guridici u fattwali fuq bazi *prima facie*.

Hu pacifiku li skont l-artikolu 873(1) tal-Kap 12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma

tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fil-kaz **Mugliette vs Bonnici**, deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar 2005 inghad:

*"Illi bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu*

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).
[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

*jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."*

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk jidher *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta, disagju jew thassib (ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

*In vista* tal-principji assodati fil-gurisprudenza, il-kriterji stabbiliti huma oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat, il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fiz-zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertatata u stabbilita.

Tenut kont tal-fatt li s-subinciz (2) huwa marbut mas-subinciz (1) tal-artikolu 873 tal-Kap 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie*

tar-rikorrent, il-grad ta' pregudizzju rikjest ghall-hrug tal-mandat irid ikun pregudizzju irrimedjabbli.

F'dan il-kuntest, jekk il-pregudizzju jitratta f'telf pekunarju, u cjoe` f'telf ta' flus, dan ma jitqiesx bhala pregudizzju irrimedjabbli. Difatti fil-kaz **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et**, (JRM) - 13 ta' Mejju 2014, inghad:

*"Tqis illi huwa wkoll mizmum li l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta' min jitlob tkun wahda li tirreferi ghal kumpens kwantifikabbli u hlas ta' danni meta dan jista' jithares b'rimedju procedurali kawtelatorju iehor skont il-ligi."*

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li jekk l-inkonvenjent jew dak lamentat jista' jitnehha b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes dan l-element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat (Ara **Av. Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** noe. P.A. – 2 ta' Jannar 1993).

Jigi ritenut ukoll, li din hija mizura ta' natura eccezjonali, b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal dejjem. (Ara **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Jannar 2005; u **40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**", P.A. (RCP) – 2 ta' Novembru 2010).

Premess ghalhekk li dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. (artikolu 873(2) tal-kap 12) – Ara – "**Mary Borg vs Kummissarju tal-Artijiet**"- P.A. (JRM) - 15 ta' Dicembru 2008, "**The Golden Sheperd Group Limited vs Enemalta Corporation**" (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009), u **Jeffrey Farrugia vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et** P.A. (JZM) – 18 ta' Frar 2013.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju hu jekk bl-agir li qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie':**

Il-Qorti f'dawn il-proceduri mhix mitluba li tara x'jeddijiet għandhom ir-rikorrent iżda *ai termini* tal-Artikolu 873 tal-

Kap.12 trid tara oġġettivament jekk ir-rikorrent għandux pretensjoni ta' jedd. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.[3]

Is-socjeta` rikorrenti qed tistrieh fuq il-ftehim iffirmat bejnha u s-socjeta` St. George Edition Limited datat l-1 ta' Frar 2016, u d-drittijiet naxxenti minn dak il-ftehim. Qed issostni wkoll, li s-socjetajiet intimati qed ixerrdu taghrif nociv, billi anke giet esebita ittra mibghuta mis-socjeta` Davinci Publishing Limited **Dok AGW1** a fol 46 tal-process.

Min-naha l-ohra, s-socjeta` intimata, St. George Edition Limited sostniet li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma inawditi u ma jaghtux lok ghall-protezzjoni minhabba irrimedjabilita` ladarba qed tigi kkontestata l-validita` tal-istess ftehim datat l-1 ta' Frar 2016 esebit bhala Dok A mar-rikors promotur. Referibbilment ghall-jedd *prima facie* tas-socjeta` rikorrenti, gie sottomess, li s-socjeta` rikorrenti qed tittenta taghmel sarima ma' halq is-socjeta` intimata intiza sabiex tohnoqha milli tesprimi liberament id-dritt ta' espressjoni. Gie sostnut fir-risposta tal-intimat, li ladarba d-dritt pretiz mis-socjeta` rikorrenti ma jirrizultax mill-ebda kuntratt, u billi l-*validita` o meno* tal-ftehim tal-1 ta' Frar 2016 hi kwistjoni fil-mertu, kwindi s-socjeta` intimata m'ghandhiex titwaqqaf milli tesprimi ruhha f'dan ir-rigward.

---

[3] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri, Mary Mifsud, Emanuel Camilleri, Victoria Saliba u Paul Camilleri vs. Giuseppe Camilleri sive Joseph**

Illi s-socjeta` rikorrenti qed tikkontendi, tramite l-avukat difensur taghha fit-trattazzjoni, li r-rikors odjern gie pprezentat biex is-socjetajiet intimati ma jxandrux notizji foloz li jistghu jimpedixxu d-drittijiet emanenti mill-ftehim datat l-1 ta' Frar 2016.

Jigi ritenut, fl-ewwel lok, li t-talba kif dedotta, hija talba li minnha nnifissha tirrestringi u timpedixxi totalment kull dritt tal-kontroparti biex jesprimu ruhhom dwar il-ftehim esebit bhala Dok A mal-istess rikors promotur. Illi l-inibizzjoni mitluba sahansitra timpingi fuq id-dritt ta' kontestazzjoni li jista' jkollha s-socjeta` intimata li tikkontesta wkoll fil-Qorti l-validita` *o meno* ta' l-imsemmi ftehim. F'dan is-sens din il-Qorti ma tarax kif it-talba tista' tissarraf guridikament f'xi pretensjoni ta' dritt da parti tas-socjeta' rikorrenti.

Mhuwiex bizzejjed li rikorrent ikollu interess guridiku biex jittenta b'success talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li hija procedura eccezzjonali, imma jehtieg ukoll li d-dritt pretiz huwa kapaci li jigi mistharreg f'gudizzju quddiem Qorti[4]. Hekk kif gie ribadit fil-kaz **Nutar Dr. Giuseppe Sammut noe v Frank Scicluna et**:

*"Ghad-differenza ta' mandati kawtelatorji ohrajn, rigward il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni l-ligi tezigi zewg kondizzjonijiet cioe` li l-Qorti li lilha jsir ir-rikors tkun sodisfatta illi l-mandat hu necessarju ghall-konservazzjoni*

[4] Ara App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet **Nutar Dr Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et** (mhix pubblikata) u P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et** (mhix appellata)

*tad-dritt li in kawtela tiegħu l-mandat jintalab u li prima facie dak id-dritt jidher li jispetta lil min jitolbu. Peress illi l-liġi teżiġi li min joħroġ il-mandat hu obbligat li fiż-żmien qasir preskritt jiddeduċi b'kawża l-jedd imsemmi fil-mandat, din il-Qorti hi tal-fehma illi ma jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt m'hix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-Qorti ....".*

Illi huwa paċifiku, anke fiż-żewġ atti ta' Mandati esebiti, bħala Dok B Numru 327/2017 MC u Dok C Numru 54/17 JRM, li l-ftehim esebit bħala Dok A datat 1 ta' Frar 2016, jikkostitwixxi *prima facie* jedd *stante* li huwa ftehim li abbażi *prima facie* għadu viġenti. Difatti, anke jekk hemm kontestazzjoni dwar il-validita` tal-ftehim *de quo* mis-soċjetajiet intimati, dak il-ftehim (fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li mhuwiex validu), jibqa' jitqies li għadu fis-seħħ u ċertament is-soċjeta' rikorrenti mhix impeduta u m'għandhiex tiġi impeduta milli tkompli tasserixxi d-drittijiet tagħha skont tali ftehim diment li ma jkunx hemm pronunzjament xort'oħra mill-Qorti kompetenti.

Għalhekk, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-avukat difensur tas-soċjetajiet intimati, kemm fir-risposta u kif ukoll fit-trattazzjoni, li l-eżitu ta' dan il-Mandat m'għandux ikun marbut mal-eżistenza *o meno* tal-ftehim, ossija Dok A. Madankollu, dan il-prinċipju, minnu nnifsu ma jnaqqas xejn mill-ftehim, datat 1 ta' Frar 2016, billi dan jiġi meqjus li

jikkostitwixxi *prima facie* jedd, kif *del resto* diga gie dikjarat fiz-zewg atti tal-Mandati pprezentati, sucitati, u esebit fl-atti.

Izda tali ftehim ma jaghtix dritt guridikament accertabbli lir-rikorrenti biex twaqqaf lill-kontroparti li jaghmlu dak kollu legalment sostenibbli biex jikkawtelaw l-posizzjoni taghhom ma' terzi billi jikkomunikaw din il-posizzjoni. Is-socjeta' rikorrenti hija daqstant libera li tikkawtela l-posizzjoni taghha bl-istess mod u kull parti hija libera li tiehu misuri legali biex tenforza jew timpunja il-ftehim rispettivament.

Illi certament il-mod kif inhi redatta t-talba odjerna hija wisq vaga biex tigi tradotta guridikament fi dritt azzjonabbli.

Ghaldaqstant tqies li r-rikorrenti ma rnexxielhix tipprova li ghandha jedd *prima facie* mehtieg ghall-hrug tal-mandat odjern.

**Irrimedjabilita`:**

Ikkonsidrat li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu,[5] jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

[5] 1P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Illi s-socjeta rikorrenti qed tikkontendi li hemm distinzjoni principali bejn it-talba fir-rikors in ezami, u t-talbiet precedenti fl-atti tal-mandati sucitati. Difatti, s-socjeta` rikorrenti qed tippernja l-atti ta' dan il-Mandat fuq ittra mibghuta lil Munchen Ticket Gmbh, minn Davinci Publishing Limited Dok AWG1 esebita a fol 46 tal-process u tradotta bil-lingwa Ingliza. Illi f'din l-ittra hemm struzzjonijiet u indikazzjonijiet lill-terzi sabiex ma jbieghux biljetti lis-socjeta` rikorrenti. Hawnhekk, is-socjeta` rikorrenti qed tilmenta li b'konsegwenza tal-ittra mibghuta lil terzi hi qed issofri pregudizzju irremedjabbli, u hu proprju ghalhekk li qed tipprocedi bir-rikors in ezami.

L-avukat difensur tas-socjeta` intimata fit-trattazzjoni sostna li mhuwiex ikkontestat li l-ittra lil Munchen Ticket GmbH intbaghtet, u ntbaghtet proprju ghaliex qed jigi sostnut li l-kuntratt Dok A esebit mar-rikors mhuwiex validu. *Nonostante* dan, jinkombi fuq is-socjeta` rikorrenti li tipprova li sofriet pregudizzju u li dan il-pregudizzju li tista' ssofri huwa rremedjabbli. Izda lanqas ma jirrizulta bl-ebda mod jekk min-naha taghhom, is-socjeta` Munchen ticket GmbH accettatx il-pozizzjoni kif esposta fl-ittra mibghuta. Ghalhekk, m'hemm l-ebda provi dwar l-ezitu u l-konsegwenzi ta' din l-ittra. Inoltre`, anke f'kaz, li din l-ittra jista' jkollha effett negattiv fl-operat tan-negozju tas-socjeta` rikorrenti, dejjem hemm riservat id-dritt li tipprocedi ghad-danni.

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jezistux l-elementi mehtiega ghall-hrug tal-mandat ta'

Inibizzjoni *de quo*, ghaliex is-socjeta` rikorrenti ma rnexxielhiex tipprova n-necessita' u l-irremedjabilita` rikjesta bil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat odjern.

Galadarba, jissussisti biss il-dritt *prima facie*, u ma jissustix l-element ta' necessita`, u galadarba dawn iz-zewg elementi, huma kumulattivi, din il-Qorti tirrespingi t-talba kif dedotta.

**III. DECIDE.**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara, li rat l-atti kollha relattivi, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 2017 fejn laqghet it-talba provisorjament u tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjerna *stante* li ma gewx ippruvati l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez jigu sopportati mis-socjeta' rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Lulju 2017**